MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 7/2023 LM

**Carmelo Ellul (K.I. 79948M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fis-17 ta' Marzu, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru laqa' l-appell tar-rikorrent **Carmelo Ellul** [hawnhekk 'l-appellat'], u b'hekk

irrevoka d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali intimat fl-14 ta' Settembru, 2022.

**Fatti**

2. Fir-rikors tal-appell tiegħu, id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrent u martu kienu ilhom jirċievu l-Għajnuna għall-Mard mis-sena 2003. Fis-sena 2022, id-Direttur Ġenerali intimat sar jaf li fl-1 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrent u martu kienu biegħu porzjoni diviża ta' art fil-kontrada 'tal-Ġebel', Triq tal-Ġebel, Ħal Far, limiti ta' Birżebbugia, tal-kejl komplessiv ta' 735.53 metri kwadri, bil-prezz ta' €30,281. Id-Direttur Ġenerali intimat qal li la r-rikorrent u lanqas martu ma infurmaw lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali b'dan il-bejgħ, u għalhekk baqgħu jirċievu l-Għajnuna għal Mard. Qal ukoll li hekk kif id-Dipartiment sar jaf b'dan il-bejgħ, dan informa lir-rikorrent li t-talba tiegħu għall-Għajnuna għall-Mard ġiet mistħarrġa, u nstab li huwa mhuwiex intitolat għal din l-għaujnuna għaliex instab li l-valur kapitali tal-membri kollha tal-familja tiegħu huwa ta' aktar minn €23,300.

3. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni, u spjega li mill-kapital riċevut minnu mal-bejgħ ta' din l-art huwa kellu jħallas €3,633 taxxa u xtara vann li jiswa €11,700, kif ukoll kellu bżonn jixtri xi oġġetti u jagħmel miljoramenti fid-dar.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2023, l-Arbitru ddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi milqugħ in vista tat-trapass taż-żmien bejn il-

ġurnata li fiha sar il-bejgħ tal-art in kwistjoni, u l-investigazzjoni li saret mid-Direttur Ġenerali intimat, u dan wara li għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

*"L-Arbitru*

*Illi dan hu appell minn deċiżjoni tal-14 ta' Settembru, 2022 li biha d-DSS iddeċieda li l-appellant ma kellux dritt għall-għajnuna tal-mard billi l-kapital kien jeċċedi t-€23,300.*

*Sar appell billi l-appellant qed jgħid li kellu jagħmel xi spejjeż minn bejgħ ta' proprjetà li kien għamel fl-2012 għall-valur ta' €30,281 u liema bejgħ ma kienx iddikjarat.*

*Id-DSS, għaxar snin wara għamel investigazzjoni u rriżulta li meta sar il-bejgħ, l-appellant kellu €16,372 fil-bank flimkien ma' martu. Mill-bejgħ huwa daħħal €30,281. Total għaxar snin ilu ta' €46,653 li dak iż-żmien kien jaqbeż il-limitu.*

*Minn dawn huwa ħallas €3,633 taxxa u €11,700 vann. Total ta' €15,333. Kwindi għaxar snin ilu kellu €31,320. Dak iż-żmien ma kienx intitolat.*

*Però issa qed nitkellmu f'deċiżjoni tal-2022 li tgħidlek li hu **mhux intitolat** u mhux ma kienx intitolat fl-2012.*

*Hawn iqumu diversi punti. Meta saret l-applikazzjoni? Fl-2012, meta ma kienx intitolat, applika, jew l-applikazzjoni saret wara meta kien intitolat għax il-kapital kien inqas minn dak stabbilit fil-liġi?*

*L-appellant meta ma informax lid-DSS għamel ħażin, però llum il-ġurnata x'differenza kienet se tagħmel biex ikun hemm eżitu differenti. Id-DSS anki jekk jgħaddu mitt sena, jekk darba kellek xi kapital, avolja mhux ħafna, aktar minn dak stabbilit fil-liġi, u ma żammejtx irċevuti **fiskali**, jibqa' jikkunsidrak bħala mhux intitolat.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum, li kieku mar jinforma lid-DSS, u wara 10 snin mar japplika, xorta kien ikun fl-istess sitwazzjoni.*

*Għaxar snin huma ħafna biex wieħed jinvestiga każ. Tippreġudika lill-applikant li ma żammx l-irċevuti għax dak iż-żmien ma kellux intenzjoni japplika għall-għajnuna.*

*Għal dawn il-motivi l-appell qed ikun milqugħ."*

## <u>L-Appell</u>

5. Id-Direttur Ġenerali intimat ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-25 ta' April, 2023, li

permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tas-17 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tal-14 ta' Settembru, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant sostna li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi miġjuba quddiemu, u li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-appellant beda billi qal li huwa jagħraf li din il-Qorti tal-Appell m'għandhiex il-kompetenza tagħmel rivalutazzjoni tal-provi, u m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar ħlief f'każijiet eċċezzjonali u għal motivi gravi. L-appellant kompla jgħid li fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru għamel numru ta' domandi li r-risposta għalihom tinsab fl-atti, u għalhekk huwa neċessarju li din il-Qorti tagħmel rivalutazzjoni tal-provi. L-appellant qal li huwa diġà spjega li minn stħarriġ li sar, irriżulta li l-appellat u martu kienu biegħu art bil-prezz ta' €30,281, u dan il-bejgħ ma kienx ġie ddikjarat lid-Dipartiment. Qal li lill-Arbitru kellu jirriżultalu li fl-2012 l-appellat u martu biegħu art, u naqsu milli jinfurmaw lid-Dipartiment b'dan il-fatt. Qal li l-appellat u martu kienu diġà qegħdin jirċievu l-Għajnuna għall-Mard meta biegħu din l-art, u għalhekk huma ma kellhom l-ebda intenzjoni li japplikaw għal din l-għajnuna mill-ġdid, għaliex dak iż-żmien din l-għajnuna kienet diġa qiegħda tingħatalhom. Qal li dak li kellu jagħmel l-appellat kien li fil-mument tal-bejgħ jinforma lid-Dipartiment b'dak il-bejgħ, jitwaqqaf il-benefiċċju, u sussegwentement l-appellat seta' japplika mill-ġdid sabiex juri li huwa m'għadux jeċċedi l-kapital. Qal li jirriżulta li fl-2012 l-appellat u martu kellhom kapital li kien jeċċedi l-€43,076.17, u li din is-somma

kienet tinkludi l-ammont ta’ €26,648 mill-bejgħ tal-art, filwaqt li fil-kontijiet bankarji separati tal-appellat u ta’ martu kien hemm ammonti oħra depożitati, sabiex b’hekk it-total tad-depożiti dak iż-żmien kien jammonta għal aktar minn €43,000. Qal li sabiex l-appellat jerġa’ jkun intitolat għall-Għajnuna għall-Mard, dan kellu jipproduċi irċevuti sakemm mill-ammont ta’ €43,076.17 juri li għandu anqas minn €23,300. L-appellant qal ukoll li l-appellat għadu qiegħed jirċievi l-pensjoni taż-żewġ terzi. L-appellant qal li l-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru, kemm dwar l-ammonti u anki fil-konsiderazzjonijiet l-oħra li għamel, fosthom li għaxar snin huwa perijodu twil ta’ żmien biex wieħed jinvestiga każ, huma skorretti u ma jirriflettux dak li ġara f’dan il-każ. Qal li ma kien hemm l-ebda investigazzjoni li damet għaxar snin, u dak li ġara kien li fl-2022 irriżulta lid-Dipartiment li fl-2012 l-appellat biegħ art u naqas milli jinforma lid-Dipartiment b’dan. Qal li n-nuqqas għalhekk kien tal-appellat u mhux tad-Dipartiment, u kien jinkombi fuq il-benefiċjarju li jinforma lid-Dipartiment b’kull tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu.

7. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant qal li l-Arbitru naqas li japplika l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta, senjatament l-artikolu 20 tiegħu, li jirrikjedi li sabiex persuna jkun eliġibbli għal din l-għajnuna, dan irid jissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-istess artikolu, fosthom li l-mezzi kollha fil-ġimgħa tal-membri tal-familja tiegħu kollha, ikkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att, ma jkunx iżjed mir-rata tal-iskala għal dik il-familja kif stabbilit fis-Seba’ Skeda annessa mal-Att. L-appellant kompla jgħid li meta jsir il-kalkolu tat-test tal-mezzi tal-benefiċjarju, l-applikant jitqies li mhux eliġibbli għal dik l-għajnuna fejn il-flus fil-bank u fl-idejn ikunu jaqbżu t-€23,300 fil-każ ta’ familja li tkun tikkonsisti minn kap ta’ familja u l-konjugi. Qal

li għalhekk għandu jirriżulta li huwa kien korrett meta kkonsidra li mill-ammont derivat mill-bejgħ fl-2012 u l-ammonti fil-kontijiet bankarji tal-konjugi, l-assi tal-koppja Ellul kienu jaqbżu bil-bosta l-ammont ta' €23,300. Qal li fl-appell tiegħu l-appellat spjega li huwa ħallas ammont ta' taxxa u li xtara vann, u fil-fatt ippreżenta l-irċevuti bħala prova ta' dan. Prova tal-infiq l-ieħor u tal-oġġetti li qal li xtara għad-dar baqgħet ma ngabitx. L-appellant kompla jgħid li ladarba l-appellat ma infurmax lid-Dipartiment bil-bejgħ u bil-fatt li fl-2012 hu u martu kellhom assi li jeċċedu l-ammont stabbilit fil-liġi, huwa ċar li l-Għajnuna għall-Mard kellha titwaqqaf. Qal li għalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta u tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda, l-Arbitru kellu jasal għall-konklużjoni li l-appellat u martu ma kinux intitolati għall-benefiċċju li applikaw għalih. Finalment l-appellant qal li f'każ li l-appellat u martu jixtiequ jerġgħu japplikaw għall-Għajnuna għall-Mard, huma għandhom iressqu irċevuti u jikkonfermaw kif intefqu l-flus, u jippruvaw li għandhom inqas minn €23,300.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellat wieġeb li l-appell interpost mid-Direttur Ġenerali appellant huwa infondat kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż. Qal li preliminarjament għandha ssir prova tad-data meta d-Direttur Ġenerali appellant ġie infurmat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, sabiex jiġi stabbilit jekk l-appell ġiex interpost fit-terminu. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li qabel xejn trid issir il-prova tad-data minn meta huwa beda jirċievi l-Għajnuna għall-Mard. Qal li din kienet prova indispensabbli meta wieħed iqis li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li tħassret mill-Arbitru ttieħdet fl-2022, filwaqt li l-kuntratt ta' bejgħ li fforma l-mertu tad-

deċiżjoni tal-Arbitru kien sar għaxar snin qabel. Qal li huwa prinċipju kardinali li f'kull proċess ġudizzjarju, min huwa mgħobbi bil-piż tad-deċiżjoni huwa tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata,* u li *quod non est in actis non est in mundo.* Qal li għalhekk l-Arbitru ma setax jieħu konjizzjoni ta' fatti li ma ġewx debitament ippruvati quddiemu skont il-liġi tal-proċedura. Qal ukoll li s-sottomissjonijiet li jsiru mill-avukati difensuri tal-partijiet għall-iskop tat-trattazzjoni tal-każ ma jikkostitwixxux prova, u għalhekk dak iddikjarat mid-Direttur Ġenerali appellant fir-rikors tal-appell tiegħu ma jistax jitqies bħala prova. L-appellat qal li għalhekk l-Arbitru ddeċieda li skont il-provi li kellu quddiemu, huwa ma setax jistabbilixxi jekk fil-mument li fih sar il-kuntratt ta' bejgħ, u li wassal għad-deċiżjoni appellata, l-appellat kienx benefiċjarju jew le, u jekk l-appellat kellux obbligu jinforma lid-Direttur Ġenerali b'xi bejgħ li sar.

9. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellat qal li anki dan huwa infondat, għaliex mill-provi prodotti l-Arbitru ma setax jiddetermina jekk meta nbiegħet il-proprjetà in kwistjoni l-appellat kienx qiegħed jirċievi l-għajnuna soċjali. Qal li huwa ċar li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi għandha ssir b'effett miż-żmien li fih l-individwu japplika għall-għajnuna, u mhux qabel, u li jekk persuna kellha ċertu kapital xi żmien qabel bdiet tirċievi l-għajnuna soċjuali, dan huwa irrilevanti għaliex dak li huwa rilevanti huwa li persuna ma jkollhiex dak il-kapital meta tapplika għall-għajnuna. Qal li anki li kieku kellu jiġi konċess li fl-2012, l-appellat kien qiegħed jirċievi l-għajnuna soċjali, xorta waħda għandu jirriżulta lill-Qorti li l-flus rikavati mill-bejgħ tal-proprjetà intużaw mill-appellat biex jinxtraw affarijiet urġenti għall-familja tiegħu, fosthom il-bdil ta' kamra tal-banju u x-xiri ta' *fridge,* kif ukoll apparat tal-

arja kundizzjonata. L-appellat qal li l-assenza ta' irċevuta fiskali bħala prova ta' dan, waħedha mhijiex raġuni biżżejjed biex huwa ma jiġix emmnut, u fi kwalunkwe każ tali prova setgħet issir b'mezzi oħra. Qal li skont l-artiklu 97(1)(b) tal-Kap. 318, id-Direttur Ġenerali appellant għandu s-setgħa li jibgħat għall-benefiċjarju u jitolbu tagħrif u provi dwar il-materji kollha pertinenti għall-għoti jew għall-kontinwazzjoni tal-benefiċċju soċjali li jkun qiegħed jirċievi, u n-nuqqas ta' eżerċizzju ta' din is-setgħa min-naħa tad-Direttur Ġenerali appellant għandu jirriżulta f'dubju li għandu jmur favur il-benefiċjarju. L-appellat qal li l-fatt li għaddew snin twal bejn dakinhar li sar il-bejgħ sallum, jirrendi verosimili l-asserzjoni tiegħu li huwa ma żammx irċevuti fiskali, u d-dewmien da parti tal-appellant biex jieħu azzjoni, għandu jimmilita favur il-benefiċjarju u mhux kontrih.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċieda l-Arbitru, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellat fit-tweġiba tiegħu. Imma qabel xejn il-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-appellat li talab għal prova dwar id-data meta d-Direttur Ġenerali appellant ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u dan sabiex jiġi stabbilit jekk l-appell kienx intavolat entro t-terminu stipulat mil-liġi. Fil-fatt jirriżulta li n-notifika tad-deċiżjoni tal-Arbitru saret fit-30 ta' Marzu, 2023, u r-rikors tal-appell ġie intavolat fil-25 ta' April,

2023. B'hekk għandu jirriżulta li ġie osservat it-terminu ta' tletin jum entro liema kellu jsir l-appell *ai termini* tal-artikolu 109(2) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

11. Qabel tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mid-Direttur Ġenerali appellant, il-Qorti ser tagħmel xi osservazzjonijiet dwar nuqqasijiet lampanti li jirriżultaw fl-atti ta' dawn il-proċeduri odjerni. Fl-ewwel lok, kien biss f'dan l-istadju tal-appell li d-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta l-*file* relattiv tad-Dipartiment, minn fejn jirriżulta li l-appellat u martu kienu applikaw għall-Għajnuna għall-Mard lura fis-sena 2003. Mill-inkartament esebit ma tirriżultax id-data minn meta beda jingħata dan il-benefiċċju, għalkemm id-Direttur Ġenerali appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jgħid li din l-għajnuna bdiet tingħata fl-2003. Jirriżulta wkoll li l-appellant għamel diversi verifiki dwar is-sitwazzjoni tal-appellat u martu, u minn dawn il-verifiki rriżultalu li fl-1 ta' Novembru, 2012 l-appellat kien biegħ porzjoni diviża ta' art rurali fl-inħawi ta' Birżebbugia bil-prezz ta' €30,281, u fiż-żmien meta sar dak il-bejgħ l-appellat kien jeċċedi l-limitu tal-kapital stabbilit fil-liġi, u b'hekk kien hemm żmien meta ma baqax eliġibbli għall-għajnuna soċjali li kien qiegħed jirċievi. L-appellat laqa' għal dan billi qal li huwa nefaq ammont konsiderevoli minn dawn il-flus, billi fost l-oħrajn ħallas it-taxxa li kienet dovuta mal-bejgħ, xtara vann, u għamel miljoramenti fid-dar. L-appellat sostna li filwaqt li huwa minnu li kien hemm żmien meta kellu assi kapitali li jeċċedu l-limitu stabbilit, huwa kellu jagħmel infiq konsiderevoli, u għalhekk huwa baqa' eliġibbli għall-għajnuna li kien qed jieħu. Fid-deċiżjoni appellata l-Arbitru qies li kien laħaq għadda wisq żmien bejn

[1] Art. 109(2): "Appell kif imsemmi qabel f'dan l-artikolu għandu jsir permezz ta' rikors fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċjarju jew lid-Direttur, skont il-każ."

meta l-appellat biegħ l-art in kwistjoni, u dakinhar li d-Direttur Ġenerali appellant iddeċieda li l-appellat ma kienx għadu intitolat għall-għajnuna.

12. Il-Qorti tirrileva li kuntrarjament għal dak li jseħħ f'każijiet simili għal dan, id-Direttur Ġenerali appellant naqas li jitlob lill-appellat jirrifondi l-għajnuna li ngħatatlu f'perijodu ta' żmien speċifiku li matulu huwa għandu jitqies li kellu mezzi suffiċjenti biex ma jibqax eliġibbli għall-għajnuna li kien qed jingħata. F'ċirkostanzi simili, l-appellant normalment jidentifika b'mod aktar preċiż f'liema żmien il-benefiċjarju ma baqax eliġibbli għall-għajnuna għaliex kellu fondi suffiċjenti, u li jeċċedu l-limitu stabbilit fil-liġi. Fil-każ odjern l-appellant qiegħed jirreferi għal ċirkostanza li ġrat għaxar snin qabel ittieħdet id-deċiżjoni li l-appellat issa m'għadux intitolat għall-għajnuna li kien applika għaliha fl-2003. L-appellant jilqa' għal dan billi jgħid li l-applikant kellu l-obbligu li jġib prova li kien hemm żmien meta l-kapital tiegħu naqas b'tali mod li reġa' sar eliġibbli għall-għajnuna mitluba minnu. Għal darb'oħra, il-Qorti tirrileva li f'ċirkostanzi simili jekk mhux identiċi għal dan il-każ, id-Direttur Ġenerali appellant jidentifika hu f'liema żmien il-benefiċjarju ma jibqax eliġibbli għall-għajnuna, tant hu hekk li jiġu esebiti l-*workings* li jkunu wasslu lill-appellant għad-deċiżjoni tiegħu, u jiġi stabbilit b'ċertezza kemm huwa l-ammont ta' benefiċċji li għandu jiġi rifuż mill-benefiċjarju li f'xi żmien ma jkunx baqa' eliġibbli għall-għajnuna. Dan mhux dak li ġara fil-każ odjern, fejn l-appellant qiegħed jinqeda b'fatt li ġara fis-sena 2012, sabiex fis-sena 2023 jiddeċiedi li l-Għajnuna għall-Mard li kien jirċievi l-appellat titwaqqaf, sakemm l-appellat ma jġibx prova li l-kapital tiegħu ma jeċċedix dak stabbilit fil-liġi, jiġifieri €23,300 bejn l-appellat u martu.

13. Għalhekk il-Qorti tqis li lil hinn mill-aggravji sollevati mill-appellant, l-eżerċizzju li kellu jsir mid-Direttur Ġenerali appellant kien li jitlob *statements* bankarji u kull prova oħra li tintalab f'ċirkostanzi simili, sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx xi ammont ta' benefiċċji soċjali li tħallsu lill-appellat indebitament, u jekk ikun il-każ, kemm huwa l-ammont li għandu jiġi rifuż lura. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni m'għandhiex tkun waħda *open-ended* u li tingħata f'vakwu, għaliex proprju dan huwa dak li ġara fil-każ odjern. Fi kwalunkwe każ, ladarba d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant qiegħda tingħata issa, l-valutazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-appellat u martu kellha ssir issa mid-Direttur Ġenerali appellant, u mhux b'riferiment għal ċirkostanzi u fatti li seħħew aktar minn għaxar snin ilu. Huwa minnu, kif jgħid tajjeb l-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu, li kien hemm l-obbligu tal-appellat u martu li jżommuh infurmat b'kull fatt materjali li seta' jaffettwa l-eliġibbilità tagħhom għall-għajnuna soċjali mitluba minnhom. L-appellant jgħid ukoll li din l-għajnuna lill-appellati setgħet terġa' tibda tingħata wara li l-appellati jippruvaw li huma m'għadhomx jeċċedu l-limitu tal-kapital stabbilit mil-liġi.

14. Il-Qorti tqis li ladarba jirriżulta li l-appellant, f'dan il-każ mexa b'mod differenti mal-appellat milli ma' persuni oħra f'sitwazzjoni simili għal tiegħu, l-eżerċizzju li sar u li bih ġie stabbilit li l-għajnuna li kien jirċievi l-appellat għandha titwaqqaf, għandu jsir mill-ġdid sabiex jiġi stabbilit jekk fil-preżent l-appellat għandux kapital li jeċċedi l-limitu stabbilit mil-liġi jew le. Hawnhekk kellu raġun l-Arbitru meta kkonsidra li fatt materjali li seħħ għaxar snin ilu, ma kellux jintuża biex jinfluwenza d-deċiżjoni li qiegħda tittieħed issa, mingħajr ma ssir evalwazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellat. Fl-istess waqt,

m'hemm xejn li jżomm lill-appellant milli jitlob rifużjoni ta' flus li setgħu tħallsu indebitament f'xi żmien, f'każ li jirriżultalu dan.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti għandha tiċħad l-appell intavolat mid-Direttur Ġenerali appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**